MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2013

Rikors Numru. 204/2007

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

***kontra***

**Il-Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fit-23 ta` Frar 2007 li jaqra hekk –

*Illi permezz ta` ittra ufficjali tas-7 ta` Frar 2007, l-intimat Kummissarju tad-Dwana nnotifika l-esponenti*

*b`dikjarazzjoni guramentata ghall-finijiet u effetti tal-Artikolu 466 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili u nterpella s-socjeta` esponenti sabiex thallas lill-intimata s-somma ta` tmienja u sittin elf, seba` mija u tmienja u sebghin liri Maltin (Lm68,778.00) li skond l-intimat huma dovuti bhala dazju fuq id-diversi oggetti illi kienu gew impurtati mill-kumpannija Bank of Valletta International Limited illum amalgamata mal-Bank of Valletta p.l.c., u dan peress illi skond l-intimat, l-importazzjonijiet saru skond l-Artikolu 33(2) tal-Att dwar l-Attivitajiet Kummercjali Internazzjonali ta` Malta bil-kundizzjoni li l-istess oggetti jintuzaw mill-istess Bank of Valletta International Limited bhala kumpannija li kellha status legali ta` kumpannija offshore u li llum ma ghadhomx jintuzaw ghall-istess skop u taht il-kundizzjonijiet ta` uzu li ghalihom gew impurtati u ghalhekk l-ezenzjonijiet in kwistjoni m`ghadhomx vigente ;*

*Illi assolutament ma huwiex minnu illi hija dovuta s-somma kif mitluba mill-Kontrollur ghad-Dwana u dan ghar-raguni illi l-importazzjoni saret mis-socjeta` Bank of Valletta International Limited ai termini tal-imsemmija Artikolu 33(2) tal-Att dwar l-Attivitajiet Kummercjali Internazzjoni ta` Malta XXXIV tas-sena 1998 (illum kif emendat bhala l-Kap. 330 tal-Ligijiet ta` Malta) :*

*"Ghamara, taghmir u materjal iehor mehtieg minn kumpannija offshore u mpurtata f`Malta ghall-uzu u ghall-iskop taghha nnifisha, u oggetti personali uzati minn xi ufficjal jew impjegat tal-kumpannija, mhux residenti f`Malta, importati f`Malta mhux aktar tard minn sitt xhur minn meta tkun ittiehdet residenza f`Malta, jistghu jigu hekk impurtati minghajr hlas tad-dwana"*

*Illi kuntrarjament minn dak pretiz mill-intimat, l-artikolu msemmi jassoggetta ghall-hlas tal-imsemmija dazju ta` dawn l-oggetti* *<u>biss</u>* *f`kaz illi*

*"dak id-dazju ghandu jithallas fuq kull haga li tigi mpurtata minghajr il-hlas tad-dazju taht dak is-subartikolu jekk u*

*meta dik il-haga tinbigh, tigi assenjata jew b`xi mod iehor tigi trasferita lil persuna residenti f`Malta"*

*Illi huwa car u manifest fil-ligi illi bl-amalgamazzjoni illi sehhet mis-socjeta` Bank of Valletta Limited mas-socjeta` esponenti ma kien hemm l-ebda "bejgh, trasferiment jew assenjazzjoni" kif stipulat fl-Artikolu 33(2) tal-istess Att u invece jirrizulta pjenament illi l-Bank rikorrent ghandu l-attiv u drittijiet u obbligi tal-Bank of Valletta International kif jipprovdi l-Artikolu 354(1)A tal-Att Dwar il-Kumpannija tal-1995 – Kap. 382 tal-Ligijiet u ghalhekk l-ebda somma ta` flus ma hija dovuta mill-esponenti in via ta` dak kif pretiz mill-istess intimat ;*

*Ghaldaqstant l-esponenti, ai termini tal-Artikolu 466(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet, qieghda topponi ghat-talba kontenuta fl-ittra ufficjali fuq imsemmija tal-intimat tas-7 ta` Frar 2007 u titlob umilment illi Din l-Onorabbli Qorti Joghgobha Tiddikjara illi t-talba tal-intimat ghall-hlas tas-somma ta` tmienja u sittin elf, seba` mija u tmeinja u sebghin liri Maltin (Lm68,778.00) dovuti bhala dazju fuq id-diversi oggetti illi kienu giet impurtati mill-kumpannija Bank of Valletta International Limited illum amalgamata mas-socjeta` rikorrenti, hija wahda nfondata u Tichad l-istess talba tal-intimat bl-ispejjez kontra l-intimat Kontrollur ghad-Dwana, wara li Taghti l-opportuni provvedimenti.*

Rat id-dokumenti li kienu annessi mar-rikors promotorju.

Rat ir-risposta prezentata fl-<u>20 ta` April 2007</u> li taqra hekk –

*1. Illi l-ghamara u l-oggetti in kwistjoni kienu mpurtati taht ir-regim li jipprovdi l-artiklu 33 tal-Att dwar l-Attivitajiet Kummercjali Internazzjonali ta` Malta (dak li kien il-Kap. 330).*

*2. Illi t-taxxi ta` importazzjoni mitluba mill-esponent huma dwar ghamara u oggetti li originarjament kienu mpurtati minn kumpannija offshore minghajr ma thallsu dawn it-taxxi fuqhom, u dan bil-ghan li jintuzaw ghal dak l-istess fini offshore. Peress li llum, wara li saret l-amalgamazzjoni, dawn l-oggetti ma ghadhomx jintuzaw ghal dan il-fini, allura dawn it-taxxi huma dovuti u dan ai termini tal-artiklu 33(2) tal-Kap. 330.*

*3. Illi llum, dawn l-istess oggetti mpurtati jinsabu f`idejn persuna residenti f`Malta, u cioe` r-rikorrenti, u dan ex admissis. U ghalhekk it-taxxi ta` importazzjoni huma dovuti fuq dawn l-oggetti.*

*4. Illi l-artiklu 33(2) tal-istess Kap. 330 jitkellem dwar meta l-haga `tinbigh, tigi assenjata jew iehor tigi trasferita.` Il-legislatur permezz ta` din il-frazi qed jitkellem dwar l-oggetti li `bidlu l-idejn` u jipprovdi ghal kull forma ta` bdil tal-idejn, anke jekk dan it-trasferiment ma jkunx trasferiment formali skond xi istitut tal-ligi. Certament ma jistax ikun kontestat li sid l-oggetti qabel kienet is-socjeta` Bank of Valletta International Limited (kumpannija offshore) u llum huwa Bank of Valletta plc (kumpannija residenti f`Malta), u li dawn huma zewg persuni distini. Ghalhekk certament kien hemm bdil tal-idejn dwar dawn l-oggetti, liema bdil jaghmel it-taxxi dovuti lill-esponent.*

*5. Illi l-esponent jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija fid-9 ta` Marzu 2007 mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "RS2 International (Malta) Limited vs Kontrollur tad-Dwana", liema sentenza tittratta proprju dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta` dan l-artiklu 33(2) ta` dak li kien il-Kap. 330, u fejn il-Qorti kkonfermat din il-pozizzjoni tal-esponent.*

*Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.*

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda ta` Salvu Grima fl-udjenzi tas-26 ta` Ottubru 2007, tal-10 ta` Dicembru 2007 u tad-9 ta` April 2008 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta u rat id-dokumenti li kienu esebiti mix-xhud.

Rat it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta` Cynthia Debono Mizzi fl-udjenza tal-20 ta` Gunju 2008 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Steven Schranz u d-dokumenti li kienu esebiti mix-xhud.

Semghet ix-xiehda ta` Salvu Grima fl-udjenza tal-24 ta` Frar 2009, il-kontroezami tieghu fl-udjenza tad-9 ta` Marzu 2009 u d-deposizzjoni tieghu bhala xhud tal intimat fl-udjenza tat-3 ta` Frar 2011. Rat ukoll id-dokumenti li x-xhud ipprezenta fl-udjenza tal-ahhar.

Semghet il-kontro-ezami ta` Stephen Schranz fl-udjenza tat-30 ta` April 2009.

Semghet ix-xiehda ta` Raymond Lanzon fl-udjenzi tat-2 ta` Lulju 2009 u tal-4 ta` Ottubru 2010.

Semghet ix-xiehda ta` Tonio Paris fl-udjenza tas-26 ta` Jannar 2010 u rat id-dokumenti li pprezenta l-intimat fl-istess udjenza.

Semghet ix-xiehda ta` John Bugeja fl-udjenzi tal-4 ta` Ottubru 2010 u tat-18 ta` Novembru 2010, u rat id-dokumenti li kienu prezentati mix-xhud.

Semghet ix-xiehda ta` Anthony Sammut fl-udjenza tat-3 ta` Frar 2011.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar bil-fomm mid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-12 ta` Jannar 2012.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-12 ta` Jannar 2012 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. Il-vertenza**

Il-kumpannija Bank of Valletta International Limited (minn issa 'l quddiem tissejjah "BOVI") kienet registrata bhala kumpannija *offshore* konformement mal-ligi vigenti dak iz-zmien. U ghax kienet kumpannija *offshore* bbenefikat minn ezenzjoni ta` dazju meta mportat kompjuters, ghamara u accessorji. Dik l-ezenzjoni kienet inghatat skond l-Art.33(2) tal-Att dwar l-Attivitajiet Kummercjali Internazzjonali ta` Malta, illum il-Kap 330 tal-Ligijiet ta`Malta. In segwitu, il-kumpannija de qua ma baqghetx registrata bhala kumpannija *offshore* izda amalgamat ruhha skond id-disposizzjonijiet tal-Att tal-1995 dwar il-Kumpanniji (Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta) mal-Bank of Valletta plc (minn issa `l quddiem tissejjah "BOV"), kumpannija registrata f`Malta, li allura ma kenitx kumpannija *offshore.* Hekk kif sehhet din l-amalgamazzjoni, l-intimat intervjena u interpella lill-BOV sabiex thallas dawk l-ammonti li l-kumpannija *offshore*

baqghet ma hallsitx ghall-importazzjoni ta` l-oggetti fuq riferiti.

**Ikkunsidrat :**

## III. <u>Sintesi tal-provi</u>

**<u>Salvu Grima</u>** mid-Dipartiment tad-Dwana xehed fit-tul. Stqarr illi fl-2001 kien *principal officer* bl-inkariku li jiehu hsieb il-*Customs Economic Procedures Unit.* Kien hu li hadem id-dazju. L-intimat kellu registru ta` kull *item* li kien igib il-BOVI minn barra. Huwa hadem fuq l-iskora tad-dokumenti tal-importazzjoni li kienet izzomm id-Dwana. Fid-dokument ikun hemm id-*declared value* u r-*revaluation.* Meta saret ir-*revaluation*, l-intimat kien ircieva ittra minghand il-Malta Financial Services Authority (minn issa `l quddiem tissejjah "MFSA") fejn kien dikjarat lil BOVI ma kienx baqa` kumpannija *offshore.* Meta saret ir-*revaluation,* ma sarux verifiki dwar jekk l-oggetti importati kinux ghadhom jezistu. L-intimat ma kienx infurmat jekk l-oggetti spiccawx u ghalhekk ghall-fini ta` *revaluation* sar tnaqqis ta` 10% tal-valur ghal kull sena. Id-dokument tal-importazzjoni jimtela` mill-importatur fejn jiddikjara dak li jkun qieghed igib minn barra u l-valur. Meta l-oggett jigi mill-UE, ma jkunx impost dazju. Fil-kaz ta` ghamara, kien jidhol il-fattur tal-piz ghall-fini tal-*levy*. Ix-xhud ikkonferma illi l-*assessment* tieghu sar abbazi tad-dokumenti li kien ipprezenta l-BOVI.

Ix-xhud ipprezenta dokumenti li jkopru s-snin 1992 sa 1994. Ighid illi ma setax isib dokumenti ghas-snin 1995 sa 2000. Kellu pero` *data* li dahlu fil-*computer* tad-Dwana bejn is-sena 1994 sa 2000. Id-*data* giet minn dokumenti li x-xhud ma setax jirrintraccja. Id-dokumenti li kellha d-Dwana gew minghand l-MFSA. Dak li wasal minghand l-MFSA kien jaqbel ezatt mal-lista li hu kien hejja. Ippreciza li sal-1994 l-*entries* kienu ghadhom jigu jimtlew *manual.* Fl-1995 dahlet l-*Automated System for*

*Customs Data* maghrufa bhala *Asycuda.* Bejn 1992 u 2000 huwa kien jahdem fuq importazzjonijiet ta` *offshore companies* ghalkemm ma kienx addett mill-ipprocessar ta` l-applikazzjonijiet. Sabiex issir taf jekk kumpannija kenitx *offshore* id-Dwana kienet toqghod fuq dikjarazzjoni li kienet issir mill-kumpannija. Din kienet tintalab taghti kopji *manual* tal-oggetti importati u mill-MFSA certifikat biex ighid li l-prodott kien ghall-uzu tal-kumpannija *offshore.* Kompletata din il-procedura, il-kumpannija offshore ma kenitx thallas taxxa fuq l-oggett li jigi minn barra. Id-Dwana kienet tipprocessa t-talba ghall-ezenzjoni hekk kif ikun hemm il-*clearance* tal-MFSA. Dwar deprezzament, ix-xhud qal li fil-kaz ta` computers, il-valur kien jigi deprezzat bi 30% fis-sena ghax kienu jaqghu fil-kategoriji ta` *IT items*.

Ix-xhud kompla jaghti dettalji ta` kif kienet tahdem is-sistema qabel u wara l-1995. Sal-1995, id-dokumentazzjoni fid-Dwana ghar-rilaxx ta` l-oggetti, kien isir manwalment. Il-kumpannija kienet tmur l-MFSA biex ticcertifika li kienet kumpannija *offshore.* Id-dokumenti kienu jingabru fis-sezzjoni ta` l-industrija. Kien ikun hemm kolonna fejn ikun hemm id-*document number* u informazzjoni ohra bhad-data ta` l-importazzjoni, l-oggett u l-valur. Wara l-1995, bl-introduzzjoni tal-*Asycuda,* il-bzonn ta` registru ma kienx aktar essenzjali. Agenti li jahdmu mad-Dwana kienu jinghataw access biex id-dikjarazzjoni ssir mill-ufficju taghhom flok imorru d-Dwana biex isiru t-timbri. L-agent kien imur xorta l-MFSA bil-*hard copy* tad-dokument sabiex *at the time of release* minflok *at time of processing* tad-dokument jigi certifikat mill-MFSA. Id-dettalji tad-dikjarazzjoni kienet timtela mill-agenti u f`certi kazi meta l-importatur ma kellux access, kien imur id-Dwana u persuni addetti mill-*input* tad-*data* kienu idahhlu d-dettalji fis-sistema tad-Dwana. It-tieni kolonna fid-dikjarazzjoni tirrigwarda *items.* Skond l-*items* kien hemm tariffa. Kien hemm ukoll *cast procedure code* skond l-oggett kienx dazjabbli inkella le. Ir-raba` kolonna tad-dikjarazzjoni tirrigwarda n-numru ta` l-VAT ta` l-importatur. Il-hames kolonna kienet l-*Harmonised System Code* li hija t-tariffa maqsuma f` 99 kapitolu. Skond dan is-

*system code* jekk il-prodotti jkunu gejjin minn barra l-UE hemm rati ta` dazju. Fil-kaz tal-BOVI, il-komputazzjoni saret a favur tal-bank fis-sens illi ma kienx impost dazju daqs li kieku l-prodott kien gej kollu kemm hu mill-UE. Ghal dak li huwa valur *at time of importation* dak kien il-valur CIF. Dwar Dok B esebit, ix-xhud spjega illi dak id-dokument juri t-taxxi li kien hemm involuti meta l-kumpannija ma baqghetx *offshore.* Ir-rati kienu dawk vigenti meta l-kumpannija ma baqghetx *offshore*. Id-dazju nhadem wara li kien meqjus id-*depreciation value.* Qabel ma tinghata *clearance* ghall-ezenzjoni, l-oggetti importati kienu jmorru *in bond.*

Fil-**kontroezami**, ix-xhud Salvu Grima spjega li meta ghamel il-komputazzjonijiet,, id-dokumenti kienu fil-pussess tieghu. Billi kien ghadda z-zmien u l-kaz mar il-Qorti, kellu jirrikorri ghad-dokumenti tal-MFSA. Mistoqsi kienx jaf li l-MFSA kienet marbuta bil-ligi biex ma tizvelax dokumenti dwar kumpanniji *offshore,* ix-xhud qal li l-MFSA dejjem baghtu d-dokumenti lid-Dwana u cioe` id-dikjarazzjoni tal-importazzjoni.

Ix-xhud spjega illi BOVI kienet impurtat xi karozzi. Fil-bidu, ma thallasx dazju fuqhom ghax kienu ezentati. Fosthom kien hemm Volvo li d-dazju fuqha fl-1991 kien nil ; lanqas VAT ma kien hemm. In segwitu fl-1999 saret talba lill-*Valuation Office* minn Anthony Paris ghall-BOVI biex issir *valuation* ta` dik il-vettura. V*aluation* kienet issir sabiex jithallas id-dazju fuqha skond il-valur ta` dakinhar. Il-*valuation* kienet issir sabiex il-vettura tkun tista` tinbiegh billi jekk ma kienx jithallas id-dazju fuq il-vettura, ma setghetx tinbiegh. Dik il-procedura kienet tghodd ghal kull prodott li kien ikun ezentat mill-hlas tad-dazju. Oggetti distrutti ma kienux jehlu dazju. Dwar dik il-Volvo, thallas VAT ta` 15% VAT biss billi giet mill-Isvezja, pajjiz membru tal-UE. Talba simili fl-1999 saret ghal vettura FIAT Tempra li giet mill-Italja. U l-istess procedura kienet segwita.

**Cynthia Debono Mizzi** mill-MFSA xehdet illi skond Art.38(1) tal-Kap 330 tal-Ligijiet ta` Malta, dokumenti dwar *offshore companies* huma sigrieti u kunfidenzjali u hekk ghandhom jigu trattati kemm meta l-kumpannija tkun ghadha topera kif ukoll wara li tibqax topera *offshore.* Ikkonfermat li fl-2002 l-MFSA ghaddiet lid-Dwana kopji ta` dokumenti dwar BOVI li originarjament kienet irceviet minghand id-Dwana stess u li kienu nghataw lid-Dwana mill-BOVI. Id-dokumenti kienu kopji tal-formoli *Asycuda*. MFSA ghaddiet dawk id-dokumenti lid-Dwana, wara talba mid-Dwana, ghaliex l-informazzjoni li kellha d-Dwana kienet inkompleta.

Fil-**kontroezami**, ix-xhud tghid li kienet il-prassi li meta kumpannija *offshore* tigi xolta jew tmur *on shore* jew ssir *merger*, MFSA kienet tavza lid-Dwana illi dik il-kumpannija biddlet l-*istatus* taghha. Sakemm kumpannija tibqa`, setghet timporta affarijiet *duty free.* Meta ma tibqax *offshore*, kienet titlef dak il-beneficcju. Bhala fatt, meta ghand l-MFSA tasal il-formola *Asycuda*, ikun ifisser illi l-*offshore company* tkun ghadha ma rtiratx ix-xoghol mid-Dwana. Ukoll bhala fatt l-MFSA ma tkunx taf jekk l-*offshore company* tkunx hadet l-oggetti ndikati fil-formola *Asycuda.*

**Steven Schranz** xehed illi kien impjegat tal-BOV pero` qabel kien jahdem mal-BOVI fejn beda jahdem fi Frar tal-1993 bhala *manager finance.* Ir-responsabilitajiet tieghu kienu – i) *Financial and Management Accounting* fejn kien jipprepara u jipprezenta l-*management accounts* kull xahar ; ii) it-thejjija ta` *profit forecast* u *cashflow forecast ;* iii) *Internal audits* ; iv) Denunzji li jintbaghtu lill-Bank Centrali ta` Malta kull xahar ; v) Statistika u rapporti trimestrali lill-MFSA. Baqa` mal-BOVI sa Ottubru 2001. Ma kienx direttament involut fix-xiri ta` l-ghamara, ghodda u attrezzi ohra mill-BOVI izda kien jaf illi meta BOVI riedet tixtri oggetti minn xi fornitur lokali jew esteru kienet timla *exemption form* u tipprezentaha lill-MFSA. Wara l-*approval* mill-MFSA, il-formoli kienu jmorru d-Dwana biex

BOVI jiehu l-merkanzija. Il-*merger* tal-BOVI mal-BOV sar fit-22 ta` Settembru 2001.

Fil-**kontroezami**, ix-xhud spjega illi BOVI ha l-licenzja f`Novembru 1991 u beda jopera f`Settembru 1992. BOVI baqa` kumpannija *offshore* sa l-ahhar. BOVI ma kienx timporta izda kien jixtri ghamara, kompjuters, affarijiet ohra ta` bzonn ghall-kumpannija. BOVI kien jixtri minghand Pantalesco ; din kienet timporta l-affarijiet li kienu destinati ghal BOVI. Ix-xhud ma setax jiftakar x`sar mill-ghamara tal-BOVI wara l-*merger.* BOVI kellha zewg ufficcji : 86, South Street, Valletta u 58, Zachary Street, Valletta. Wara l-*merger,* l-ufficcju ta` 58, Zachary Street, Valletta, inqasam fi tlieta : l-ufficcju tac-Chairman tal-BOV, it-*Trusts* u l-ufficju tas-Segretarju tal-BOV. L-ufficcju 86, South Street, Valletta, sar l-*International Clients Centre* tal-BOV.

**Raymond Lanzon** xehed illi huwa l-*executive head* tal-BOV fejn jirrigwarda *purchasing* u *premises.* BOVI kienet tixtri mobbli bhala *computers* u l-affarijiet kollha li kellha bzonn biex tmexxi l-operat taghha. Meta l-bank jigi biex jixtri, kien johrog *request for quotation* u wara jaghmel l-ghazla u jsir ix-xiri. Kienu jsiru tliet *quotations* u jaghzel l-irhas. Muri d-dokumenti a fol 7 u 8 tal-process, ix-xhud ikkonferma li dawk kienu mobbli li soltu tixtri kumpannija bhala BOV jew BOVI. Muri d-dokumenti a fol 27 sa fol 65 tal-process, ix-xhud ma setax jaghraf il-firma ta` fuqhom izda sostna li huwa kien qed jaghraf it-timbru tal-*general manager* ta` dak iz-zmien li kien Tonio Paris u ghalhekk, il-firma setghet kienet tieghu. Mill-esperjenza tieghu, l-office equipment kollu nkluz il-computers kien iservi hamsa jew sitt snin. Parti mill-ghamara li BOVI kienet xtrat fl-1992 tqassmet fil-ferghat tal-BOV. Fil-passat kien jinzamm inventarju ; illum le. L-amministrazzjoni tal-BOVI kienet separata u distinta mill-BOV.

**<u>Tonio Paris</u>** xehed illi llum huwa rtirat izda mill-bidu nett tal-BOVI kien il-*general manager* taghha. Kien involut f`kull haga li tigri fil-BOVI. Kien hemm kumitat li kien jiehu hsieb il-*purchasing set up* tal-bank. Kienu jinxtraw affarijiet minn barra kif ukoll lokalment. Il-*purchases* kienu jsiru minn agenti lokali. Kien hemm kaz wiehed biss fejn il-bank ghamel kuntatt dirett ma` barra. Il-*purchasing committee* kien johrog it-*tenders.* Wara li ssir l-evalwazzjoni tat-*tenders*, isir l-akkwist. L-agenti kienu jippreparaw il-karti, li kienu jaslu ghandu ghall-firma. *Administration managers* u nies ohra kienu mbaghad jiehdu hsieb id-dettal. Paris qal illi kien hemm *tender* kbir li kien jinkludi *turnkey.* Hafna mill-agenti kien iqabbadhom il-*main contractor*. F`okkazjoni minnhom, BOVI gabet xi ghamara minn barra ghax kien hemm konsulent Ingliz li kien id-*designer* tal-post u kien irrakomanda ghamara partikolari. Kumpannija *offshore* kellha privileggi fosthom li certi affarijiet setghu jinxtraw *duty free*. Fil-kaz tal-BOVI, huwa kien jawtorizza kull *purchase order* wara debiti verifiki. Ikkonferma li l-firma fuq id-dokumenti a fol 27 *et seq* kienet tieghu. BOVI kienet tixtri minghand *approved suppliers* li kienu jissottomettu *tender.* Ikkonferma li fost l-oggetti li kienu importati mill-BOVI kien hemm karozzi, fosthom dik li hu stess kien jaghmel uzu minnha. Qal illi huwa spicca mill-BOVI qabel il-*merger.* Dwar x`sar mill-oggetti li kienu nxtraw minghajr ma thallas dazju, stqarr illi l-computers inbidlu waqt li xi affarijiet ohra nghataw bla hlas lis-Sorijiet Orsolini. Ma setax ighid jekk ghaddewx oggetti ghand il-BOV. Pero` BOVI kellha inventarju ta` l-oggetti li kienet tippossjedi.

**<u>John Bugeja</u>** *financial controller ta` Panta Contracting Limited* xehed li fl-*accounting system* taghhom irrizultaw dokumenti relatati ma` l-importazzjoni ta` materjal ghall-uzu mill-BOVI. Kien hemm kuntratt ghas-*supply* u *installation* ta` *airconditioning units,* kif ukoll ta` *plumbing* u *electrical supplies*. Panta kienet timporta materjal mis-*suppliers* ta` barra. Ma kellux x` jaqsam ma` ghamara u karozzi. Wara l-istallazzjoni, il-materjal supplit minn Panta kien isir parti mill-bini tal-BOVI. Fuq il-materjal kien jithallas dazju u VAT. Il-VAT kien

*refundable.* L-*entry* tad-Dwana kienet fuq isimhom u ghalhekk kien jithallas id-dazju u l-VAT. Ippreciza illi BOVI kienet timporta f`isimha billi kellha *exemption* mill-hlas ta` *duty.* Meta l-entry kienet issir minn Panta, kien jithallas id-duty. Meta kienet issir mill-BOVI, kien ikun hemm *exemption*.

**Anthony Sammut** kien jokkupa l-pozizzjoni ta` *Head Office - Executive Head – Facilities, Management and Procurement* tal-BOV. Qal li BOVI kienet kumpannija sussidjarja pero` semi awtonoma. Il-proceduri interni tal-BOVI kienu differenti minn tal-BOV. Bhala procedura, fil-BOV, l-oggetti jigu arkivjati fi *store* u jinzammu ghal *retention period.* Imbaghad jigu distrutti skond in-natura ta` l-oggetti.

**Ikkunsidrat :**

**III. Risultanzi**

L-**Art.33(2) tal-Kap 330** kien jaqra hekk –

*Ghamara, taghmir u materjal iehor mehtieg minn kumpannija offshore u impurtat f`Malta ghall-uzu u ghall-iskop taghha nnifisha, u oggetti personali wzati ta` xi ufficjal jew impjegat tal-kumpannija mhux residenti f`Malta, impurtati f`Malta mhux aktar tard minn sitt xhur minn meta tkun ittiehdet residenza f`Malta, jistghu jigu hekk impurtati minghajr il-hlas tad-dwana, izda dak id-dazju ghandu jithallas fuq kull haga li tigi mpurtata minghajr il-hlas tad-dazju taht dan is-sub-artikolu jekk u meta dik il-haga tinbiegh, tigi assenjata jew mod iehor trasferita lil persuna residenti f` Malta.*

L-argument kollu tar-rikorrenti huwa li b`effett tal-*merger* tal-BOVI fil-BOV ma sarx *bejgh, trasferiment jew assenjazzjoni* ghall-fini tal-Art. 33(2) tal-Kap.330. Kwindi

ma kienx hemm l-obbligu da parti tal-BOV li jhallas id-dazju fuq il-materjal li BOVI kien akkwista bla ma hallas dazju billi kien kumpannija *offshore*.

L-intimat wiegeb ghall-argument tar-rikorrenti billi ghamel piena riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-9 ta` Marzu 2007 fil-kawza '**<u>RS2 International (Malta) Limited vs Kontrollur tad-Dwana</u>'.**

Fis-sentenza jinghad hekk *inter alia* –

*Minn qari ta` l-artikolu 33(2) jidher bic-car li l-intenzjoni tal-legislatur kienet li jezenta mill-hlas ta` dazju dawk il-kumpanniji offshore li jimpurtaw 'ghamara, taghmir u materjal iehor' li jkun mehtieg ghall-uzu u skop taghha. Din kienet wahda mill-incentivi li ntroduca l-legislatur biex ihajjar ir-registrazzjoni ta` dawn it-tip ta` kumpanniji f`Malta. Fl-istadju tal-appell is-socjeta` appellanti argumentat li l-kumpannija appellanti ghalkemm ma baqghetx offshore, baqghet l-istess persuna guridika u ghalhekk l-ebda dazju ma kien dovut ghaliex il-proviso ghall-Artikolu 33(2) jipprovdi ghall-hlas ta` dazju biss fejn* ***`<u>il-haga tinbiegh, tigi assenjata jew mod iehor trasferita lil persuna residenti f` Malta</u>`.*** *Ghalkemm huwa minnu li l-kumpannija appellanti ma gietx xjolta, bil-fatt li ma baqghetx kumpannija offshore, bla dubju ta` xejn l-ispirtu tal-ligi hu li l-beneficcju kellu jitgawda minn kumpanniji offshore li jkunu qeghdin jaghmlu uzu mill-oggetti. Li kieku kien mod iehor kien ikun facli hafna li wiehed jahrab mill-obbligu tal-hlas ta` dazju billi jikkonverti l-kumpannija f` wahda onshore u minflok ibiegh l-oggett jittrasferixxi biss l-ishma fil-kumpannija biex jahrab il-hlas tad-dazju. Ghalkemm is-socjeta` appellanti targumenta li ligijiet fiskali ghandhom jigu applikati restrittivament, min-naha l-ohra lanqas m` ghandhom jinghataw interpretazzjoni b`mod li jistghu jwasslu ghal dawn it-tip ta` anomaliji li zgur li l-legislatur qatt ma setgha kellu l-intenzjoni li jsehhu. Bla dubbju meta l-kumpannija appellanti saret onshore ma setghetx tibqa` tgawdi u tinvoka l-beneficcji li kienet taghti l-Malta Financial*

*Services Centre Act u qabilha l-Att dwar l-Attivitajiet Kummercjali Internazzjonali ta` Malta, u dan fi kliem l-artikoli 60(2) ( c) tal-istess ligi … Ghalhekk b`effett mis-7 ta` Frar 2000, data tal-konverzjoni minn kumpannija offshore ghal onshore, is-socjeta` appellanti ma setghetx tibqa` tinvoka u ticievi l-beneficcji li johorgu mill-Kap 330 u li kienu* ***japplikaw biss*** *ghall-kumpanniji* ***offshore***.

Minn dik is-sentenza kienet tentata procedura ta` ritrattazzjoni mill-kumpannija attrici-sokkombenti abbazi tal-**Art.811(e) tal-Kap.12** (applikazzjoni hazina tal-ligi). Il-procedura ta` ritrattrazzjoni kienet michuda b`sentenza tal-Qorti tal-Appell (diversament komposta) fit-28 ta` Frar 2008.

Fin-nota ta` osservazzjonijiet taghha fil-kawza tal-lum, ir-rikorrenti qeghda tghid illi bl-interpretazzjoni li tat il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tad-9 ta` Marzu 2007 fil-kawza '**RS2 International (Malta) Limited vs Kontrollur tad-Dwana**' il-Qorti marret oltre s-setghat taghha ghaliex minflok applikat l-Art.33(2) tal-Kap.330 li skond ir-rikorrenti kien car u inekwivoku tat interpretazzjoni tant diversa minn dak li tghid id-disposizzjoni li prattikament f`dak il-kaz gara illi kien il-Poter Gudizzjarju li kiteb il-ligi minflok il-Poter Legislattiv. Fis-sostanza, hekk qeghda tghid ir-rikorrenti.

Il-fehma tar-rikorrenti mhijiex kondiviza minn din il-Qorti.

Fil-kawza '**RS2 International (Malta) Limited vs Kontrollur tad-Dwana**' l-interpretazzjoni li l-Qorti tal-Appell tat lill-Art.33(2) tal-Kap.330 kien fis-sens illi hekk kif kumpannija minn *offshore* issir *onshore,* anke jekk tibqa` l-istess kumpannija, titlef il-beneficcji li tgawdi kumpannija *offshore,* fosthom li ma tibqax ezenti mill-hlas ta` dazju fuq taghmir li tkun gabet minn barra ghat-thaddim tan-negozju

taghha. Il-Qorti tal-Appell qalet li dik id-disposizzjoni saret bhala incentiv ghal kumpanniji *offshore.*

Din il-Qorti hija tal-istess fehma bhall-Qorti tal-Appell. Min-naha ta` dik il-Qorti ma sar xejn li skonfina oltre s-setghat taghha. Anzi ma llimitatx ruhha ghal daqqa t`ghajn superficjali tad-disposizzjoni tat-ligi izda ghamlet analizi mirquma tad-disposizzjoni li taghmel sens minnha u tevita li tinghata tifsira restrittiva jew litterali bir-riskju li tohloq diskriminazzjoni fit-trattament ta` kumpanniji *onshore* li certament ma kienx il-hsieb tal-legislatur meta ghazel li jaghti beneficcji jew incentivi lil kumpanniji *offshore.* Kwindi bl-affermazzjoni taghha, il-Qorti tal-Appell sostniet rwol essenzjali taghha fl-amminsitrazzjoni tal-gustizzja.

Issa apparti l-principju illi hareg mis-sentenza fil-kawza'**<u>RS2 International (Malta) Limited vs Kontrollur tad-Dwana</u>**', fil-kaz tal-lum din il-Qorti tghid illi rrizultaw fatti li jsostnu l-fehma taghha illi kien hemm *trasferiment* a favur ta` *persuna residenti f`Malta* u cioe` il-BOV ghall-fini tal-Art.33(2) tal-Kap.330, u kwindi l-intimat kellu jedd jesigi l-hlas tad-dazju li BOVI ma hallsitx ghat-taghmir li gabet minn barra u li effett tal-*merger* marru ghand ir-rikorrenti.

Fl-*Instrument of Amalgamation* (Dok SS1 a fol 102) kien patwit illi BOVI ***<u>delivers</u>*** *its rights, obligations,* ***<u>assets</u>*** *and liabilities to Bank of Valletta plc in accordance with section 358 of the Companies Act.* Kien ukoll patwit illi ***BOV shall succeed to all rights, obligations, <u>assets</u> and liabilities of BOVI.*** Kif ukoll illi ***BOVI hereby ceases to exist***. (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti).

**<u>Legalment</u>** din il-Qorti tghid illi dak li kien miftiehem bejn iz-zewg kumpanniji fl-*Instrument of Amalgamation* jirrendi applikabbli ghall-kaz tal-lum dak previst fl-Art.33(2) tal-Kap.330 fil-kaz ta` bejgh, assenjazzjoni jew trasferiment lil *persuna residenti f` Malta.* Tghid ukoll illi l-

kelma *delivers* adoperata fl-*Instrument* tikkwalifika bhala *trasferiment* ladarba l-*ownership* ghadda minghand BOVI a favur ta` BOV b`tal-ewwel itemm l-esistenza taghha anke bhala effett tal-*Instrument.*

L-**<u>Art.354(1) tal-Kap.386</u>** jistabilixxi illi l-kumpannija li ser tkun amalgamata tieqaf mill-esistenza taghha. Il-kumpannija akkwirenti tidhol ghall-attiv, il-jeddijiet, ir-responsabilitajiet u l-obbligazzjonijiet kollha tal-kumpannija li se tkun akkwistata u li l-azzjonisti tal-kumpannija li tkun se tigi akkwistata jsiru azzjonisti tal-kumpannija li tkun se takkwista. Ladarba il-kumpannija *offshore* giet amalgata ma` kumpannija residenti f`Malta, waqfet tezisi skond id-disposizzjoni riferita, ma setghetx tibqa` tibbenefika mill-ezenzjoni tad-dazju. Kwindi BOV trid thallas id-dazju li BOVI kienet ezentata thallas ghax kienet kumpannija *offshore.*.

**<u>Fattwalment</u>** irrizulta wkoll li t-taghmir li kien ta` BOVI ghadda ghand BOV li ddisponiet minnu kif deherilha.

Diversi kienu l-argumenti ohra li ghamlet ir-rikorrenti in sostenn tal-istanza taghha –

1) Skond ir-rikorrenti, l-intimat agixxa wara li ottjena dokumenti llegalment minghand l-MFSA. Din il-Qorti ma taqbilx. In kwistjoni mhuwiex jekk l-MFSA kellhiex taghti kopja ta` dokumenti lid-Dwana anke ghaliex l-MFSA mhijiex parti fil-kawza tal-lum. Minn evalwazzjoni tax-xiehda ta` Salvu Grima, jirrizulta li l-intimat kellu a disposizzjoni tieghu l-informazzjoni relevanti, kemm meta s-sistema kienet manwali (sa l-1994) u kemm meta s-sistema qalbet ghall-*Asycuda* (wara l-1995).

2) Skond ir-rikorrenti l-intimat ma setax arbitrarjament jiddeciedi li jaghmel *revaluation* ta` 10%

fis-sena. Din il-Qorti ma tistax tqis dan l-argument. Il-parametri tat-talba kienu stabbiliti mir-rikorrenti stess meta qalet illi l-ammont mitlub mill-intimat ma kienx dovut. Ir-rikorrenti ma oggezzjonatx ghall-ittra ufficjali tal-intimat fuq il-pretest illi l-ammont pretiz kien esagerat jew skorrett. Fis-sentenza taghha tad-19 ta` Mejju 2004 fil-kawza '**Amato Gauci et vs Zammit et'** il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri qalet hekk –

*... Huwa principju maghruf illi l-Imhallef civili ghandu, fl-ghoti tas-sentenza f`kawza, joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni b`mod illi waqt li hu obbligat jokkupa ruhu mill-kwestjonijiet kollha dedotti fil-gudizzju mill-partijiet, minn naha l-ohra ma jistax jitratta u jirrizolvi kwestjonijiet li l-partijiet ma ssollevawx u ma ssottomettewx ghad-decizjoni tieghu, ammenokke non si tratta minn kwestjonijiet ta` ordni pubbliku li l-Imhallef hu obbligat jirrileva "ex officio" ...*

*... Il-Qorti m`ghandhiex tissolleva eccezzjonijiet li m`hiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta`Organizazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta` ordni pubbliku, altrimenti kwalunkwe kwestjoni legali tkun tista` tigi sollevata mill-Qorti, prattika din mhiex rakkomandabbli li tista` twassal ghal sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq l-eccezzjoni taghha stess ...*

*... bhala norma, il-gudikant ghandu jiddeciedi l-kawza billi joqghod fuq il-binarju tal-kontestazzjoni li jressqulu l-partijiet. Huwa r-rwol tad-difensur tal-parti u mhux tal-gudikant li jiskogita difizi u eccezzjonijiet dwar kwestjonijiet legali. Diversament il-Qorti tkun qeghda tesponi ruha ghal certi riskji ovvji meta tiddeciedi kawza fuq eccezzjoni li tissolleva hi stess, meta m`hijiex awtorizzata espressament li taghmel hekk.*

(ara wkoll – Qorti tal-Appell Inferjuri : "**Borg vs Halmann Limited**" **-** 20 ta` Ottubru 2003 ; Qorti tal-Appell – "**Galea et vs Calleja pro et noe**" – 25 ta` Mejju 2001 ; Qorti tal-Kummerc – "**Grech vs Saglimbene et**" – 9 ta` April 1992

u Qorti tal-Appell – "**Cacciattolo utrinque**" - 30 ta` Gunju 1976).

Fis-sentenza tat-2 ta` Frar 1990 fil-kawza "**Gatt vs Debono**", din il-Qorti qalet hekk –

*Skond il-principji tal-Gustizzja l-ebda Qorti m`ghandha d-dritt li tissolleva eccezzjonijiet "ex officio" hlief dawk li l-ligi stess timponi fuqha bhala dover ...*

*Meta l-Qorti tissolleva eccezzjonijiet li mhumiex ordnat mil-ligi dan l-ezercizzju jfisser li l-Qorti ma tibqax ekwidistanti bejn il-partijiet u tkun qed tikser bl-aktar mod palezi l-principju ta` "audi alteram partem", kif ukoll principju iehor tal-Gustizzja li huwa "nemo judex in causa propria" ghaliex naturalment il-Qorti tkun tissolleva eccezzjoni hija u tiddecidiha hija stess.*

3) Il-bank rikorrent ighid illi l-intimat ma gabx il-prova li l-oggetti li BOV kiseb fid-data tal-*merger.* Din il-Qorti tghid illi kien jinkombi lir-rikorrenti l-oneru tal-prova li kien hemm oggetti jew uhud minnhom ma kinux ghadhom jezistu jew li kienu diga` distrutti fiz-zmien li saret l-amalgamazzjoni. Dak li kellu jipprova l-intimat huwa li kien hemm oggetti elenkati f`Dokument B anness ma` l-ittra ufficjali in kwistjoni, li kienu gew impurtati minn kumpannija *offshore* u li bbenefikaw minn ezenzjoni ta` taxxa u li sussegwentement l-istess kumpannija *offshore* ma baqghetx topera bhala *offshore.* Jekk l-oggetti jew uhud minnhom spiccaw, kien jinkombi lill-bank rikorrenti li jaghmel dik il-prova. Dan qed jinghad peress li jekk is-sitwazzjoni kellha tkun bl-invers, u cioe` illi kellu jkun l-intimat li jressaq prova li l-oggetti ghadhom in ezistenza, tali prova ma setghet qatt tingieb billi kellha tkun fil-pussess tal-kumpannija rikorrenti u mhux certament fil-pussess tal-intimat. Inoltre kien il-bank rikorrenti li f`certu punt beda jsostni li kien hemm xi oggetti li ma kinux ghadhom jintuzaw, u ghalhekk, semmai gialadarba qajjem tali argument, kien jinkombi fuqu li jissostanzjah u jippruvah. Ir-realta` tal-fatti hija li ghalkemm l-ufficjali tal-

bank rikorrent semmew inventarji, hadd minnhom ma ressaq prova ta` kien kiseb il-BOV minghand BOVI, ta` x`kien spicca, ta` x`kien baqa` - kollox bil-*forsi u bil-jista` jkun.* Karenti ghall-ahhar kienu l-provi tal-bank rikorrent dwar il-patrimonju ta` materjal kopert mill-Art.33(2) tal-Kap.330 li ghadda mill-BOVI ghand BOV minkejja li telghu jixhdu ufficjali gholja tal-bank. In-nuqqas lampanti tal-bank ma ghandux idghajjef il-posizzjoni tal-intimat.

4) Ir-rikorrenti tghid illi l-intimat mhux intitolat jirreklama hlas ta` *levy* u VAT apparti d-dazju. Din il-Qorti taghmel referenza ghan-nota ta` sottomissjonijiet tal-intimat. *Inter alia* hemm citat l-Art.6 tal-Kap 336 tal-Ligijiet ta` Malta. Skond dik id-disposizzjoni, l-intimat ghandu s-setgha li jigbor l-imposta skond il-ligi ta` dak iz-zmien inkluz VAT relattiv fuq oggetti importati li jaqghu fl-iskeda tal-Kap 336. Din il-Qorti hija sodisfatta li l-intimat agixxa entro l-poteri tieghu.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti tichad it-talbiet tas-socjeta` bankarja rikorrenti, bl-ispejjez kollha kontra l-istess socjeta` bankarja rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------